Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-30 ta' Jannar 2025**

**Kump. Nru. 62/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Farr**
**Spettur Roderick Attard**
**Spettur Nico Zarb)**

**Versus**

**Maxlene Mizzi**
**(ID Nru. 506985M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Maxlene Mizzi** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 506985M.

Akkuzata talli bejn l-ewwel (1) gurnata ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha w għoxrin (2024) u s-sitt (6) ġurnata tax-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa u għoxrin (2025), ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi jew disposizzjonijiet relatati mal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex

iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' persuna jew persuni naturali jew ġuridiċi, liema ħsara teċċedi l-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000), u dan għad-detriment ta' Rebecca Galea Buttigeg u/jew Daniela Xuereb u/jew Sephora Vella u/jew Donna Irene Edwards u/jew Karen Catania u/jew Melissa Ann Caruana Simiana u/jew Stephanie Sant u/jew Lindsay Vella u/jew Sara Brincat Friggieri u/jew Brigida Dalli u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi oħra; *Artikolu 18, 308 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamlet qliegħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ta' aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000) għad-detriment ta' Rebecca Galea Buttigieg u/jew Daniela Xuereb u/jew Sephora Vella u/jew Donna Irene Edwards u/jew Karen Catania u/jew Melissa Ann Caruana Simiana u/jew Stephanie Sant u/jew Lindsay Vella u/jew Sara Brincat Friggieri u/jew Brigida Dalli u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi oħra; *Artikolu 18, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat. *Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Magistrat Dr. Leonard Caruana LL.D, f'dan li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata taghmel mill-istess Qorti. *Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba sabiex:

i. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' Maxlene Mizzi u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputata kif ukoll tordna li s-somma ta' ghaxart elef (€10,000) euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulati fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. Tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom;

iii. Kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-parti jew partijiet leżi;

iv. F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat id-dokumenti  kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2025, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 31, 293, 308, 309, 310(1)(a), 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputata Maxlene Mizzi hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha u qed tikkundannaha ghal tlett (3) snin prigunerija effettiva.**

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hatja **Maxlene Mizzi** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollha bzonn l-hatja, u b'mod partikolari li ssegwi t-terapija moghtija lilha sabiex tindirizza l-problemi taghha tal-loghob ta' l-azzard (***gambling***), hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin millum** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-hatja Maxlene Mizzi sabiex thallas is-somom segwenti fi zmien tlett snin millum:**

**€ 1,571.45 lill-*parte civile* Sephora Vella**

**€ 435.66 lill-*parte civile* Daniela Xuereb**

**€ 515.54 lill-*parte civile* Donna Irene Edwards**

**€ 50.00 lill-*parte civile* Karen Catania**

**€ 405.00 lill-*parte civile* Melissa Ann Caruana Simiana**

**€ 44.95 lill-*parte civile* Stephanie Sant**

**€ 257.00 lill-*parte civile* Lindsay Vella**

**€ 4,000 lill-*parte civile* Brigita Dalli**

**€ 338.00 lill-*parte civile* Rebecca Galea Buttigieg**

Inoltre il-Qorti qed tordna illi **s-somma ta' hamest elef Euro (€ 5,000) li hija parti mill-garanzija personali, li tifforma parti mill-kundizzjonijiet fid-Digriet u Kundizzjonijiet ghall-Ħelsien mill-Arrest datat 18 ta' Marzu 2022 (Magistrat Dr Leonard Caruana) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi inoltre **ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna ir-riarrest ta' Maxlene Mizzi fil-kawza Pulizija (Spettur Ryan Cini) vs Maxlene Mizzi.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputata fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole u lid-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Magistrat**